MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Numru 226/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

**V**

**LUDWIG BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LUDWIG BUGEJA** ta' disgha w ghoxrin sena bin Angelo u Yvonne nee Camilleri, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Frar 1976 u residenti 18, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, detentur ta' karta tal-identita numru 113276M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hmistax ta' Lulju 2005 u fix-xhur ta'qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli huwa recidiv b'setnenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata ghaxra ta' Settembru 2003 fejn kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu fuq serq aggravat u moghti sentenza ta' sena habs liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat hmistax ta’ Lulju 2005 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 13 tal-atti sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta’ provvedimenti tal-istess ordinanza.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-istess imputat esibita a fol 7 et seq tal-atti odjerni u l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar l-hmistax ta’ Lulju 2005 esibita a fol 22 markata bhala dokument DT.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuza ta’ pussess ta’ droga fis-seduta tal-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu w ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti tiddikjara li qed isibu hati ta’ din l-akkza ta’ pussess ta’ droga.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnejn ta’ Novembru 2005.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehed l-Ispettur Dennis Theuma** [fol 19] fejn qal li fil-hmistax ta’ Lulju 2005, fuq informazzjoni kunfidenzjali li kien ircieva, kien ta struzzjonijiet lil PS 1044 Gordon Calleja, PC 1574 Renald Cremona u PC 396 Saviour Baldacchino sabiex jeccedu fil-fond 18, Triq il-Pellegrinagg, Bormla li hija r-residenza tal-imputat odjern, li gharaf presenti fl-awla, biex issir tftixxija ghad-droga li setgha jkun hemm u li allegatament kienet tappartjeni lil imputat.

Irrizulta waqt din t-tfittxija li kienu nstabu erbgha w hamsin lira fi flus mohbija f’kexxun tal-komodina u xi siringi. Taht tarag go zewg vazuni nstab ammont iehor ta’ flus li sussegwentement gew ritornati lil familjari tal-imputat wara li saru d-dovuti verifikazzjonijiet dwar il-provenjenza taghhom. Instabu wkoll tmienja w ghoxrin qartas tal-karti li allegatament kien fihom d-droga Eroina w ghalhekk l-imputat ittiehed d-Depot ghal aktar investigazzjoni.

Hemm hu rrilaxxja stqarrija nhar l-hmistax ta' Lulju 2005 ghal habta ta' nofsinhar fil-presenza ta' PC 1574 Renald Cremona, liema stqarrija giet esibita w immarkata bhala dokument DT [fol 22]. Ix-xhud ikkonferma fuq l-imsemmija stqarrija, l-firma tieghu, dik ta' PC 1574 Renald Cremona filwaqt li l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex.

Ix-xhud zied jghid li meta l-imputat gie mistoqsi dwar t-tmienja w ghoxrin qartas li nstabu fir-residenza tieghu, hu kien ammetta li kienu tieghu u li kien xtrahom *in bulk* minghand persuna l-Belt, pero meta gie biex jghid dan kollu biex jitnizzel bil-miktub, l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda u dak li kien qal verbalment ma regghax ikkonfermah fuq l-istqarrija.

Ix-xhud esibxxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003 per Magistrat Dottor Joseph Cassar fil-konfront tal-imputat odjern li giet mmarkata bhala dokument DT 1 [fol 24]. Ix-xhud esibixxa wkoll d-droga Eroina misjuba, s-siringi godda u dawk uzati u xi qratas vojta u l-ammont ta' erbgha w hamsin lira fi flus li komplessivament gew mmarkati bhala dokument DT 2.

**Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 xehed PC 1574 Renaldo Cremona** [fol 27] fejn qal li nhar il-hmistax ta' Lulju 2005, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Dennis Theuma mar jaghmel tfittxija f'residenza fi Triq il-Pellegrinagg, Bormla fil-presenza tal-imputat odjern fejn fil-kamra tas-sodda nstabu ghadd ta' siringi u ammont ta' flus kontanti. Maghhom kien hemm karti vojta bi trab kannella, qratas, u go vazun taht t-tarag kien hemm tmienja w ghoxrin qartas u go vazett iehor disgha w tletin lira fi flus kontanti li kollha gew elevati.

Ix-xhud qal li hu kien presenti ghall-interrogazzjoni tal-imputat fejn ghall-ewwel stqarr li hu ma kienx jaf bihom w ghalhekk qalulu li kellhom jigbru lil genituri tieghu. Sussegwentement l-imputat kien ammetta maghhom b'mod verbali li kienu tieghu, pero meta gew biex jiehdu l-istqarrija tieghu bil-miktub, hu rega' nnega kollox. Ix-xhud gharaf l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument DT rilaxxjat

nhar l-hmistax ta’ Lulju 2005. Ikkonferma wkoll li l-imputat inghata s-solita twissija qabel ma ttiehdet l-istqarrija u fuqha gharaf kemm il-firma tal-Ispettur Dennis Theuma kif wkoll l-firma tieghu filwaqt li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud ikkonferma d-dokument DT 2 bhala l-oggetti li gew elevati mir-residenza tal-imputat meta saret t-tfittxija in kwistjoni minnu.

**Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 xehed PC 396 Saviour Baldacchino** [fol 29] fejn qal li hu kellu struzzjonijiet sabiex jassisti lil PC 1574 Renald Cremona fi tfittxija f’residenza numru 18, Triq il-Pellegrinagg, Bormla. Qal li meta marru hemmhekk, fil-presenza tal-imputat, fil-kamra tas-sodda tieghu, sabu siringi li kienu go borza u xi karti vojta maghhom. Qal li minn taht t-tarag, go vazun instabu xi flus fl-ammont ta’ disgha w tletin lira u tmienja w ghoxrin qartas b’sustanza llegali liema oggetti gew kollha elevati u mghoddija lis-superjuri tieghu ghal aktar investigazzjoni. Meta gie muri d-dokument DT 2, ix-xhud ikkonferma li l-oggetti hemm imsemmija kollha kienu gew elevati mir-residenza tal-imputat dakinhar li saret t-tfittxija. Zied jghid li minn kexxun fil-kamra tal-imputat gew elevati wkoll tlett liri fi flus.

**Illi nhar t-tmienja ta’ Awissu 2005 xehed PS 1044 Gordon Calleja** [fol 44] fejn qal li fil-hmistax ta’ Lulju 2005, fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Ispettur Dennis Theuma, mar jaghmel tfittxija fil-fond 18, Triq il-Pellegrinagg, Bormla sabiex jesegiwixxi mandat mahrug mill-Qorti. Qal li hu mar hemm flimkien ma PC 1574 Renald Cremona u PC 396 Saviour Baldacchino. Zied jghid li fit-tfittxija li ghamlu fil-fond fil-presenza tal-istess imputat, li gharaf presenti fl-awla, kienu instabu w elevati tlieta w hamsin lira minn go vazett minn gol-kamra tas-sodda tieghu u sussegwentement minn taht t-tarag, minn go vazun li kien hemm fi speci ta’ armadju, elevaw tmienja w ghoxrin qartas bi trab kannella suspettati li kienu bid-droga Eroina, filwaqt li minn go vazett iehor elevaw disgha w tletin lira fi flus kontanti.

Illi b’digriet tal-Qorti tas-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 kien gie nominat l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jezamina

d-droga li giet elevata u li kienet giet esibita fl-atti w immarkata bhala dokument DT 2.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol 49] w ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MNL [fol 51]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li m'instabux sustanzi llegali fis-siringi li kien hemm fid-dokument 530/05/01 u fiz-zewg siringi li kien hemm fid-dokument 530/05/02. Irrizulta pero li nstabu tracci tas-sustanza Eroina fuq l-erbgha bicciet karti b'forma rectangolari li kien hemm fid-dokument 530/05/02 u li fit-trab kannella li kien hemm fit-tmienja w ghoxrin qartas tal-karti fid-dokument 530/05/03, fl-ammont nett totali ta' 1.740 grammi, nstabet s-sutanza Eroina. Irrizulta li l-purita ta' dan t-trab ghas-sustanza Eroina, kien ta'cirka 23.6%, liema sustanza hija kontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Charles Miceli** [fol 31] qal li hu jahdem il-Caritas. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lil imputat, x-xhud wiegeb fl-affermattiv u li kien ilu jafu ghal aktar minn ghaxar snin. Qal li l-imputat kien hareg mill-Habs xi sena qabel, mar il-Harm Reduction Unit u talab l-ghajnuna taghhom. Qal li huma kienu qed jahdmu pjan sabiex hu jidhol Santa Marija fil-Prison Inmates Programme, l-imputat tilef x-xoghol u ghalhekk dan il-pjan kien sfaxxa u minn dakinhar ma baqghux jsegwuh. Qal li l-imputat baqa ma zammx l-appuntamenti maghhom b'mod regolari u ghal dak l-ahhar zmien l-imputat kien naqqas hafna u hu beda jinduna li kien hemm tahwid f'hajjtu u nuqqas ta' motivazzjoni. Qal li fil-fehma tieghu ghandu jigi nominat Probation Officer b'kundizzjonijiet iebsa u jekk l-imputat jonqos li jsegwihom, jerga jintbaght il-Habs.

Illi nhar l-erbgha ta' Ottubru 2005 **xehdet l-Probation Officer Mariella Camilleri** [fol 95] (wara li kienet giet nominata b'digriet tal-Qorti datat sitta ta' Settembru 2005 [fol 89] sabiex thejji social inquiry report fil-konfront tal-imputat) u ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MC [fol 97]. Minn ezami ta' dan r-rapport, jirrizulta li l-imputat ilu f'kuntatt mas-sistema

tal-Gustizzja Kriminali ghal diversi snin. Huwa fetah l-ewwel kaz fit-tliet at'a Novembru 1994, u tul dan iz-zmien il-maggoranza tal' kazijiet li fetah l-imputat kienu relatati m'abbuz ta' droga. Ludwig Bugeja skonta diversi sentenzi ta' habs. Barra minn hekk huwa gie f'kuntatt mal-Ufficju tal-Probation ghal total ta' sebgha darbiet minn Mejju 1995 lil hawn. F'hames okkazzjonijiet minnhom huwa nghata ordni ta' probation u fid-darbtejn l-ohra nhareg ordni sabiex jigi kumpilat social inquiry report. Ir-records tal-Ufficju tal-Probation juru li bejn il-passat u l-present, hemm diversi fatturi simili. Hemm problemi li minkejja li gie investit hafna hin u rizorsi fihom, il-progress li gie registrat fihom kien wiehed relattiv.

Kien hemm diversi tentattivi mill-Agenziji Sedqa u Caritas, biex l-imputat ma jibqax jabbuza mid-droga. L-imputat segwa programmi residenzjali ghal diversi drabi, izda ma temm l-ebda wiehed minnhom b'success. Illum il-gurnata kemm is-Sedqa kif wkoll l-Caritas sostnew li l-programmi li ghandhom mhux daqstant adattati ghal htigijiet presenti tal-imputat, ghalhekk kienet tal-fehma li l-imputat ghandu jaghmel programm qasir mal-Fondazzjoni Oasi sabiex jindirizza l-problema tieghu. Il-probation officer irrilevat wkol li l-imputat jbati minn kundizzjni maghrufa bhala *Gille de Tourette Syndrome* u din il-kundizzjoni tavvera ruhha minn sintomi vizibbli, taffettwalu l-istima personali tieghu. Tant li hu bniedem vulnerabbli minhabba li ghandu personalita dghajfa u b'hekk huwa ferm facli li jkun influwenzat minn shabu.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 **xehed Doctor Joseph Spiteri** [fol 121] fejn qal li l-imputat odjern, li gharaf presenti fl-awla, kien ilu taht l-kura tieghu ghal dawk l-ahhar hames snin. Qal li qabel kien jarah d-Detox u xi drabi fil-Facilita Korrretiva ta' Kordin. Elabora u qal li l-imputat kellu tlett problemi magguri, u cioe ghandu problema akuta ta' *drug addiction*, ghandu kundizzjoni maghrufa bhala *Gille de Tourette Syndrome* li tikkonsisti f'caqliq involuntarju u kif wkoll li juza certu kliem li johorgu minghajr il-kontroll tieghu, ghandu wkoll problemi socjali relatati mal-kundizzjoni ai finijiet ta' droga. Qal li t-tielet kundizzjoni kienet konsegwenzjali ghal ewwel wahda.

Zied jghid li l-imputat ghamel tentattiv biex jaghmel programm mill-inqas hames jew sitt drabi u hu maghruf sew is-Sedqa kif wkoll l-Caritas.

Qal li l-kundizzjoni ta’ *Gille de Tourette Syndrome* minhabba l-fatt li hija pjuttost rari u n-nies in generali u l-istaff tal-komunita ma tantx jifhmu biha, l-imputat isib problema kbira fil-programm ta’ rijabilitazzjoni. Zied jghid li din *s-syndrome* tibda ta’ hames snin u tibqa mal-persuna u tigi kkontrollata bil-medicini, pero sfortunatament l-imputat mhux dejjem jiehu l-medicini u l-medicini mhux dejjem ikunu mija fil-mija effettivi minhabba l-effett negattiv tad-droga fuq il-medicina. Din il-kundizzjoni zzommu milli jippartecipa sabiex jiehu beneficcju mill-programmi. Minn naha l-ohra, kompla jghid ix-xhud, l-imputat m’ghandux bzonn ta’ rijabilitazzjoni pero jekk huwa jiehu xi rijabilitazzjoni, din trid tkun imfassla ghal kundizzjonijiet partikolari tieghu.

Meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk l-impuat jintbaghat fil-komunita residenzjali ta’ Oasi, din tkun ta’ detriment ghas-sahha tieghu, x-xhud wiegeb li ma tkunx pero dawk iridu jiehdu in konsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tieghu. Qal li jekk il-programm ikunx ta’ disgha xhur jew tlett xhur tkun differenza kbira ghaliex t-tenzjoni tal-imputat tinbidel biz-zmien u ghalhekk trid tkun l-agenzija Oasi li tiddecidi xi tfassal ghalih. Zied jghid li minn naha l-ohra, jista jiehu ghajnuna mill-komunita jekk ikun hemm supervizjoni qawwija fuqu. Qal li jekk l-imputat ikun barra fil-komunita irid ikun hemm programm strutturat ghalih, li hu naqra difficli. Qal li hu diga tkellem dwar il-problemi li ghandu l-imputat ma Noel Scerri tal-Agenzija Oasi.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed Noel Scerri** [fol 124] li spjega li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Agenzija OASI. Qal li hu kien gie mitlub sabiex jaghmel assessment tal-imptuat li gharaf presenti fl-awla bhala Ludwig Bugeja, sabiex jara jekk setghax jibda programm residenzjali mal-istess Agenzija Oasi. Ix-xhud esibixxa r-rapport li hu hejja gal dan l-ghan li gie mmarkat bhala dokument NS a fol 126 tal-atti.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehed l-imputat** [fol 134] fejn ikkonferma l-istqarrija li hu rrilaxxja lil Pulizija Ezekuttiva, fl-intier taghha. Qal li t-tmienja w ghoxrin qartas li kienu nstabu fid-dar residenzjali tieghu waqt tfittxija kienu tieghu ghal uzu esklussiv tieghu peress li dak iz-zmien hu kien juza hafna droga Eroina. Qal li kien jahraqha, kien wkoll juza l-labra li fil-fatt l-Pulizija sabet fil-kamra tieghu u kien jiehu hafna. Qal li hu kien imur d-Detox.

Qal li hu kellu surround system bid-DVD b'kollox u li kien bieghu ghal tmenin lira u li b'dawn il-flus u bic-cekk tar-relief kien xtara l-ammont tad-droga li nstabet ghandu. Qal li l-Pulizija kienu jafu li kien biegh s-sistema tas-surround. Qal li kellu cekk ta' gimgha ta' erbgha w tletin lira u l-bonus ta' sittin lira. Qal li c-cekk tar-relief kien ircevieh jumejn qabel ma marru l-Pulizija u li gieli tatu flus ommu. Zied jghid li mill-pakkett fejn kien hemm tnax il-qartas, kien hemm minnhom li kienu vojta peress li kien uzu minnhom hu. Qal li l-flus gieli poggihom taht t-tarag u gieli fuq u dawk kienu l-istess flus li sabu l-Pulizija. Qal li l-genituri tieghu kienu jafu li hu dipendenti mid-droga. Mistoqsi ghaliex kien heba d-droga, ix-xhud qal li peress li t-tfal ta' hutu kienu zghar u kienu jkunu d-dar, ma deherlux li kellu jhalli d-droga tigri. Qal li ma kien jhalli xejn jigri u kien ghalhekk li l-Pulizija sabet dawn l-oggetti mohbija, fosthom il-labar.

Qal li ma xtaqx jikxef min ghand minn kien jixtri d-droga, ghalkemm qal li kien jixtri minghand wiehed ta' nazzjonalita Gharbija. Mistoqsi jekk kienx jaf l-piz ta' droga fit-tmienja w ghoxrin qartas li nstabu ghandu u li kien xtara, l-imputat wiegeb li hu kien iltaqa ma dan l-Gharbi u kien offrielu d-droga kollha u peress li kien prezz tajjeb xtraha u anke dan kien staqsih jekk kienx jaf lil xi hadd li setgha jbieghlu u deherlu li kellu johodha kollha. Qal li bi tmienja w ghoxrin qartas kien jghaddi tlieta jew erbat ijiem.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehdet Yvonne Bugeja** [fol 137] fejn qalet li l-imputat jigi binha. Qalet li taf li binha l-imputat kellu surround u DVD qabel ma marru

l-Pulizija ghandha. Qalet li darba kien mar guvnott waqt li hi kienet d-dar u t-tifel taghha Ludwig kien qalilha li kien biegh s-surround ghal tmenin lira. Qalet li kienet taf li binha ghandu problema ta' tehid ta' droga ghalkemm kien minghaliha li kien hemm xi zmien li kien waqaf jehodha.

Ikkunsidrat:

Illi mkill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien ammetta l-ewwel akkuza ta' pussess semplici ta' droga w ghalhekk din il-Qorti m'ghadiex triq ohra salv li ssibu hati taghha.

Dwar t-tieni akkuza, u cioe pussess b'intenzjoni ta' traffikar, l-imputat qed isostni li l-pussess tad-droga li kellu kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti mhux konvinta li dak li qal l-imputat kien minnu u cioe li huwa xtara d-droga minghand wiehed ta' nazzjonalita Gharbija li ma jafx minn kien, li ma kienx jaf l-piz tad-droga li kien xtara, ghalkemm jghid li xtraha ghal prezz tajjeb u l-fatt li zammha maqsuma fi qratas lesta ghal ispacc huma indikazzjonijeit li l-impuatt kien fi stadju li jittraffika l-istess droga w ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti mill-istess Prosekuzzjoni, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' din t-tieni akkuza wkoll.
Dwar t-tielet akkuza, u cioe li hu recidiv, il-Qorti rat s-sentenza esibita fl-atti a fol 24 markata bhala dokument DT 1 fl-ismijiet Il-Pulziija v Ludwig Bugeja u dak verbalizzat mid-Difiza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, meta ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhud tal-identita ta' din l-istess sentenza dokument DT 1 fil-konfront tal-imputat, w ghalhekk tiddikjara li l-imputat hu recidiv ai termini tal-ligi.

**Ikkunsidrat ai fini ta' piena, li l-problema ta' droga nfirxet ferm f'pajjizna tant li fniet u qerdet il-hajja ta' diversi persuni u l-familjari taghhom u wasslet necessarjament ghal zieda fil-kriminalita fis-socjeta taghna**.

Illi ghalhekk irid jinghata messagg car mill-Qrati taghna lil min jinsab hati ta' traffikar ta' droga jew pussess bl-intenzjoni ta' traffikar, irid jigi punit serjament u dan kemm

sabiex il-piena sservi ta' deterrent, kif wkoll sabiex issir gustizzja mas-socjeta, li din il-Qorti trid tipprotegi.

Il-Qorti naturalment trid tibbilancja l-interess tal-imputat w ir-riforma tieghu bhala cittadin mill-aspett punittiv, u ta' deterrent ghalih u ghal persuni ohra li jimbarkaw jew bi hsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhal ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun, jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' ghemil simili, jahsed dak li jkun zergha f'termini ta' piena.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti ma thossha xejn konvinta kemm t-talba tal-imputat biex johrog minn din il-problema t'abbuz ta' droga hija sinciera w affidabbli. Jirrizulta li veru li l-imputat jabbuza mid-droga kif del resto ammetta hu stess pero ma jirrizultax kemm hu genwin l-isforz tieghu biex jgheleb dan il-vizzju li certament ilu fuqu ghal snin twal.

Jirrizulta li ilu ghal xi zmien jattendi l-Agenziji Sedqa u Caritas, u li kien taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer u taht l-kura ta' Psikjatra, izda dan in-nuqqas t'affidabilita u sincerita jirrizulta mill-fatt li ma sar ebda progress posittiv taul dan iz-zmien kollu tant li rega' spicca quddiem il-Qorti ghas-sitt darba, hafna drabi fuq akkuzi relatati mal-abbuz tad-droga.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li dint-talba w is-sottomissjoni tad-Difiza ghal klemenza saret biss biex il-Qorti ma tinfliggix piena karcerarja fuq l-imputat, jew jekk tinfliggi piena karcerarja, din tkun wahda minima u xejn aktar.

Il-Qorti ma tara ebda sincerita jew sforz genwin minn naha tal-imputat, ghar-ragunijiet gia msemmija u temmen li dan qed jipprova jinqeda b'rimedju ezistenti li qieghed hemm biex jghin lil minn tassew qieghed fil-bzonn tal-ghajnuna, u mhux qieghed hemm sabiex jinghata lil kulhadd, daqs li kieku kien bi dritt awtomatiku.

Dan r-rimedju li l-imputat jitpogga f'programm ghandu jinghata lil minn jisthoqqlu wara li l-Qorti tkun konvinta mis-sincerita u genwinita tieghu.

**Il-Qorti,** rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 4, 6. 8 tal-Kap 101, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 292 tas-sena 1939, wara li **tiddikjara li ssib lill-imputat LUDWIG BUGEJA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu thoss li peress li r-reati kommessi minnu huma ta' natura serja u l-ammont ta' sachets li nstabu kienu konsiderevoli, tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin mill-lum u dan bit-tnaqqis ta' xi zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**Finalment tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jirtira d-droga esibita f'dawn l-atti sabiex jaghmel d-distruzzjoni taghha u tordna l-konfiska tal-oggetti kollha relatati mad-droga favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------